DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2017/2220

tat-30 ta' Novembru 2017

li temenda d-Deċiżjoni 90/181/Euratom, KEE li tawtorizza lill-Italja biex tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT

(notifikata bid-dokument C(2017) 7854)

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ([1]), u b'mod partikulari t-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 370 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([2]), l-Italja tista', skont il-kundizzjonijiet li japplikaw f'dak l-Istat Membru fl-1 ta' Jannar 1978, tkompli tintaxxa t-tranżazzjonijiet elenkati fil-Parti A tal-Anness X ta' din id-Direttiva. Skont dan l-Artikolu, dawn it-tranżazzjonijiet iridu jitqiesu għad-determinazzjoni tal-bażi tar-riżorsi proprji tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

(2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/181/Euratom, KEE ([3]), l-Italja ġiet awtorizzata li tuża stimi approssimattivi għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 3 tal-Parti A tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE dwar bini u art għall-bini.

(3) Fl-ittra tagħha tal-4 ta' April 2017, l-Italja talbet l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT tagħha għal tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 3 tal-Parti A tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE, minħabba li ma għadux meħtieġ minħabba bidla fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Wara din il-bidla legali, l-Italja ma għadhiex tintaxxa dawk it-tranżazzjonijiet. B'hekk, ma għadux permess kumpens negattiv għal skopijiet ta' riżorsi proprji tal-VAT. L-awtorizzazzjoni għalhekk jinħtieġ li tiġi rtirata.

(4) Id-Deċiżjoni 90/181/Euratom, KEE jinħtieġ għalhekk tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 90/181/Euratom, KEE, il-punt 1 jitħassar.

([1]) ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/181/Euratom, KEE tat-23 ta' Marzu 1990 li tawtorizza lill-Italja biex tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (ĠU L 99, 19.4.1990, p. 32).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membru tal-Kummissjoni